Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 14/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-**Tlieta 29 ta' Marzu 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:** Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*
Nicholas Seychell- *Kunsillier*
Tyrone Muscat- *Kunsillier*
Ivan Bartolo- *Kunsillier*

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*
Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ*

**Skużati:** -

**Assenti:** -

1. **Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.13 ġew approvati *nem com.*

1.2. Dwar punt 2.7 il-Kunsillier Lynch xtaq jistaqsi dwar il-każ tal-Buon Caffe. Is-Sindku infurmah li l-forzi ta' l-ordni kellhom jitkellmu mas-sid tal-Buon Caffe dwar dan il-każ. Is-Sindku kompla billi qal li ser jara wkoll dwar il-pjanti li tpoġġew bla permess minn terzi, viċin tal-istess ħanut. Kompla billi qal li min m'għandux il-permessi meħtieġa ser jintalab jiżbarazza. Il-Kunsillier Seychell xtaq ukoll jistaqsi dwar il-ħanut fil-parti ta' isfel tal-pjazza fejn jidher li tpoġġew ċilindri tal-gass mal-faccata fuq il-bankina. Is-Sindku qal li dwar dan il-każ huwa kien informa lil Pulizija.

1.3. Dwar punt 7.4 il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar il-bżonn li jsir mill-aktar fis xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq Sammat. Is-Sindku irrisponda billi qal li bħalissa qed issir il-manutenzjoni ta' diversi bankini però qal ukoll li fid-dawl tax-xogħolijiet li kienu qed isiru minn kuntrattur fi triq Sammat, l-istess kuntrattur kien ser jirranġa l-bankini kif ilesti mix-xogħol li qed isir min-naħa tiegħu. Is-Sindku kompla billi qal li

qed isir xogħol tajjeb mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill li issa ġew kollha *full time,* u l-pjan huwa li x-xogħol ta' manutenzjoni jitkompla f'diversi bankini oħra fosthom fil-bankina ta' Triq Sammat. Il-Kunsillier Roderick Spiteri xtaq ukoll jipproponi li jipprova esperiment f'parti minn dawn il-bankini fejn mat-taħlita tal-konkos jitħallat il-ħġieġ. Il-Membri approvaw.

1.4. Dwar punt 7.6 is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jinforma lil membri li l-Kumitat għat-tismija tat-toroq approva it-talba tal-Kunsill biex it-triq tat-torrijiet tiġi imsemmija Triq Karm M. Bologna u ser jiġu ordnati it-tabelli.

*Il-Kunsillier Muscat daħal issa.*

1.5. Dwar punt nr. 6 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil mejda illi id-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva it-talba tal-Kunsill li jestendi it-tenders tal-ġbir tal-iskart u l-knis però bi tlett xhur jiġifieri sa Ġunju 2016.

## 2. Korrispondenza

2.1. Ittra mingħand il-kumitat lokali tal-Partit Laburista Paola sabiex it-triq ta' quddiem is-Schreiber u t-triq li tmiss magħha li twassal sal-Fgura, jiġifieri parti minn Triq il-Wied u parti minn Triq Mater Boni Consigli, tissemma għat-tabib Karl Chircop. Il-membri iddiskutew din il-materja u billi ma setgħax jintlaħaq qbil, is-Sindku talab vot liema vot għadda bil-casting vote tas-Sindku wara li l-vot kien ta' tlieta favur u tlieta kontra. Il-Kunsillier Seychell xtaq jiċċara li huwa qed jivvota kontra fid-dawl illi huwa kien ta' l-istess opinjoni li kellu f'leġislatura oħra fejn l-Kunsill kien talab li din il-parti tat-triq tissemma Triq Salvu Bezzina; liema talba ma kienitx milqugħa. Il-Kunsilliera Muscat u Bartolo xtaqu wkoll li jiġi ċċarat illi huma kienu qed jivvutaw kontra fid-dawl illi din il-parti tat-triq hija żgħira ħafna u fid-dawl li għal ħaddieħor ġie msemmi anke ġnien.

2.2. Ittra mingħand l-*International Al Johnsom Society* sabiex fl-2017 tiġi organizzata attività fejn fost l-oħrajn tinkixef plakka li tfakkar il-wiri tal-ewwel film fiċ-Ċinema. Il-membri qablu li din il-proposta tiġi diskussa aktar il-quddiem f'din is-sena fid-dawl li fadal sena u nofs għal din l-attività.

2.3. Żewġ ittri dwar l-istess suġġett mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ De Paul li qed jitolbu li isir arblu fir-*roundabout* ta' Triq Żabbar kif ukoll l-Għaqda Nar u Armar Parroċċa Madonna ta' Lourdes Paola sabiex isir ukoll arblu fic-*central strip* ta' Telgħet Raħal Ġdid. Iż-żewġ għaqdiet preżentaw ukoll stimi marbuta ma' dawn il-proġetti u talbu wkoll li l-Kunsill Lokali Paola jiffinanzja parti mill-ispejjeż. Il-membri

iddiskutew dan is-suġġett fejn fost l-oħrajn is-Segretarju Eżekuttiv iċċara li il-Kunsill irid joqgħod attent f'dan ir-rigward, fid-dawl li jekk il-Kunsill jiffinanzja parti minn dawn l-arbli, din titqies bħala donazzjoni. Il-membri ilkoll qablu li huma ma jsibu l-ebda oġġezzjoni, u anzi jaqblu, li jsiru dawn l-arbli sakemm jingiebu l-permessi meħtieġa; però ma jistgħux jiffinanzjaw parti minn din l-ispiża fid-dawl li anke dan mhux permissibbli legalment. Il-membri xtaqu wkoll li jiġi kkjarifikat li biex isiru dawn l-arbli b'mod korrett il-Kunsill ikollu jiffinanzja totalment l-ispiża fejn dawn umbagħad ikunu propjetà tal-Kunsill; u qablu li l-Kunsill m'għandux jonfoq dan l-ammont ta' fondi. Il-membri talbu li dawn l-għaqdiet jiġu infurmati bl-eżitu ta' din id-diskussjoni u jiġi ċċarat ukoll li huma ser jippruvaw isibu metodi ulterjuri sabiex ikunu jistgħu jassistu b'mod li jkun legalment korrett.

## 3. *Active Ageing Centre*

3.1. Is-Sindku Dominic Grima xtaq jinforma lil membri illi it-Tnejn 5 ta' April kien ser jibda jopera iċ-ċentru għal-Anzjanità attività fil-Kunsill Lokali Paola fejn l-anzjani ser jiltaqgħu nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn 8.30am u l-11.00am fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi informa lil membri li dan iċ-ċentru kien qed jiġi organizzat bl-għajnuna tas-Segretarjat parlamentari immexxi mill-On. Justyne Caruana MP fejn ser jiġi provdut *speaker* kull darba li ser jittratta diversi suġġetti interessanti għall-anzjani filwaqt li anke jorganizza attivitajiet varji.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li f'April ser jibdew ukoll korsijiet oħra fil-Kunsill Lokali bl-isem Ħu Kontroll (iffukat fuq mard kroniku) u l-kors Għaqal fid-dar grazzi għad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali rispettivament.

## 4. *Filming* festi/attivitajiet kulturali

4.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li ġie avviċinat mis-Sur Gabriel Cassar bi proposta sabiex jinġibed video dwar il-festi u l-attivitajiet kulturali li jkunu organizzati fir-raħal tul is-sena kolla. Is-Sindku qal li l-idea hija li dan il-proġett ikun jismu "Kalendarju Kulturali" u ser jiġi jiswa €1,100 bl-*editing* inkluż Is-Sindku kompla billi qal li la darba l-proġett jitlesta, jiġi diskuss il-mod kif jitqassam lir-residenti. Il-membri approvaw.

4.2. B'referenza għal dan is-suġġett il-Viċi Sindku xtaq ifakkar lil membri li fil-leġislatura preċedenti, l-eks Kunsillier Renald Dalli kien għaddej bi proġett bl-isem "Biex Ma

Ninsewx". Huwa kompla billi qal li fadal isiru xi intervisti. Il-membri qablu li dan jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

4.3. Il-Kunsillier Lynch u Spiteri tkellmu wkoll dwar il-possibilità li fil-pjazza jiġu installati kameras magħrufa bħala *Skyline Webcams*. Il-membri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċekkja dwar l-ispejjeż marbuta.

5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

6. **Skeda tal-Pagamenti**

6.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 12 għas-somma ta' €73,926.39

7. **Aġġornament**

7.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 3 ta' Mejju 2016.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku

**Data**: 3 ta' Mejju 2016